

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Ġunju 2010 — MIP Metro vs UASI — CBT Comunicación Multimedia (Metromeet)

(Kawża T-407/08) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Metromeet — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti meeting metro — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b), tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*”)

(2010/C 221/64)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: MIP Metro Group Intellectual Property GmbH Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: S. Schäffner, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: CBT Comunicación Multimedia, SL (Gexto, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Ġunju 2008 (Każ R 387/2007-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn MIP Metro Group Intellectual Property GmbH Co. KG u CBT Comunicación Multimedia, SL, hija annullata.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-12 ta' Ġunju 2008 (Każ R 387/2007-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn MIP Metro Group Intellectual Property GmbH Co. KG u CBT Comunicación Multimedia, SL, hija annullata.*
- (2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 327, 20.12.2008

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-2 ta' Lulju 2010 — Lafili vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-485/08 P) ⁽¹⁾

(“*Appell — Servizz pubbliku — Ufficijali — Ammissibbiltà — Kunċett ta’ parti li tilfet fl-ewwel istanza — Promozzjoni — Klassifikazzjoni fil-grad u skala — Fattur tal-moltiplikazzjoni ogħla minn wieħed — Konverżjoni tal-anzmanitā fl-iskala — Artikolu 7 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal*”)

(2010/C 221/65)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Paul Lafili (Genk, il-Belġju) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, H. Krämer u K. Herrmann, aġġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Settembru 2008, Lafili vs Il-Kummissjoni (F-22/07, li għadha ma ġietx ippubblika fil-Ġabro), u intiż għall-annullament ta’ din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Paul Lafili jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea f'din l-istanza.*

⁽¹⁾ ĠU C 19, 24.01.2009.